MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 403/2011

**Appell Nru. 403/2011**

**Il-Pulizija**

**(Supt. Sandro Zarb)**

**Vs**

**Omissis**

**Mindel Hishma**

**Omissis**

**Omissis**

**Illum 26 ta' Frar, 2015,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

Fid-19 ta' April, 1999 u fil-jiem ta' qabel, gewwa tas-Sliema kisru kundizzjoni mifhuma ta' kull permess moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b) jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni, li dik il-persuna ma ghandix f'Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni.

Talli matul l-ahhar jiem, minghajr ma nghataw permess ta' residenza, nizlu l-art jew kienu Malta minghajr permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru, 2011, li biha, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu izda ordnat li jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt shur b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-hrug ta' ordni ta' tnehhija l-Qorti rrakomandat jekk ikun il-kaz li l-appellant jigi trattat fuq bazi umanitarja mill-Awtorita` kompetenti u dan skond l-artikoli 14(1) u 25A tal-Ligi kif viegenti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Otturbu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuza ta' ksur ta' kundizzjoni li ma jahdimx u talli nizel bla permess f'Malta u tikkonfermaha fejn ma harget l-ebda ordni ta' tnehhija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

L-appellant issottometta quddiem il-Qorti illi ghandu jinghad li trattatu b'benevolenza kbira, illi huwa kien inghata l-liberta` provvizorja u qaghad skrupolozament kif tghid l-istess sentenza ghal dak kollu illi ordnatlu l-Qorti.

L-appellant issottometta illi meta l-Qorti awtorizzat illi jghid fil-pajjiz, u l-poter tal-Qorti huwa poter legali, ma jistax jinghad illi bil-liberta` provvizorja huwa ma kienx qieghed regolarment Malta fil-perjodu kollu illi ghamel tul il-process minn dakinhar li hareg bil-liberta` provvizorja.

Illi d-difiza ghamlet riferenza ghad-direttiva tal-Unjoni Ewropeja numru 109/2003 tal-25 ta' Novembru 2003 illi hija nkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bl-Avviz Legali 278/2006.

Huwa minnu illi r-regolament lokali jghid illi d-direttur jista` jaghti status ta' "long term residence" imma meta l-istess status ikun inholoq bhala fatt mill-agir tal-Qrati illi huma l-legalita par excellence, allura ma jistax ma jinghadx illi huwa kien ilu regolarment f'Malta u b'mod legali ghal dawn l-ahhar hames snin. L-argument tal-Ewwel Qorti illi originarjament kien illegali ma jfissirx illi wara illi gie taht l-awtorita` tal-Qorti u nghata l-liberta` dik il-liberta` ta' moviment u residenza f'Malta anzi bil-kundizzjoni li ma jitlaqx minn Malta ma ghamlitx ir-residenza tieghu wahda legali.

Illi l-ewwel akkuza hija in konflitt mat-tieni wahda. It-tieni akkuza tghid ili kien dahal bla permess. L-ewwel akkuza tghid illi kellu permess u kiser il-kundizzjonijiet. It baffles logic, jghidu, ghaliex ma taghmilx sens illi tghidlu illi kiser kundizzjoni ta' permess imbaghad tghid illi lanqas kellu dritt ikun fuq l-art ta' Malta.

Illi l-provi li kien hemm ma jwasslux illi huwa kien qieghed jaghmel xoghol u kull dikjarazzjoni illi ghamel stante li ma kienx assistit minn Avukat m'hijiex utilizzabbli mill-Qrati ug halhekk provi ma hemmx dwar illi kien qieghed jahdem.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fid-dsatax (19) ta' April tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) l-appellant flimkien ma' tlieta ohra nstabu jahdmu bla permess f'lukanda De Giorgio f'Tas-Sliema. Irrizulta illi l-appellant lanqas ma kellu permess ikun qieghed f'Malta u ghalhekk l-appellant flimkien mal-persuni l-ohra gew imressqa l-Qorti biex iwiegbu ghall-akkuzi li hadmu minghajr permess u li kienu f'Malta minghajr permess tal-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni. Fid-dsatax (19) ta' April tal-elf

disa' mija disgha u disghin (1999) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu izda l-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-aggravju tieghu qieghed principalment ghall-fatt li meta l-Qorti akkordatlu l-libertà provvizorja li l-appellant osserva skrupolozament, kwindi f'dan il-kaz kien qieghed Malta legalment u l-Qorti ma setghetx issibu hati tal-akkuzi kif dedotti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Jibda biex jinghad l-ewwel nett illi l-akkuzat instab fil-fatt qed jahdem xoghol ta' bajjad fil-lukanda msemmija u sal-gurnata tas-sentenza l-istatus tieghu ta' refugat ma kienx ghadu konfermat. Kwindi l-permanenza tieghu hawn Malta kien wiehed illegali. Il-fatt illi huwa nghata l-liberta provvizorja b'certa kondizzjonijiet illi l-appellant osserva ma jfissirx illi dan ikkonvalida l-permanenza tieghu Malta. Dak illi kien zbaljat qabel ma giex koregut bid-digriet tal-libertà provvizorja, liema digriet ma jaffettwa bl-ebda mod l-istatus tal-appellant dwar il-permanenza tieghu f'Malta.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma l-istess sentenza bl-istess rakkomandazzjoni illi ghamlet l-ewwel sentenza li stante c-cirkostanzi partikolari tal-appellant jigi trattat fuq bazi umanitarja mill-awtoritajiet kompetenti u jekk il-ligi tippermetti, ma jigix imkecci minn dan il-pajjiz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------